MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Robert Gregory)**

**vs**

**Etien Bartolo ta' 23 sena, iben Joseph u Monica nee Fenech, mwieled fit-12 ta' Lulju, 1980, B'Kara u residenti Block J, Flat 2, Triq il-Laqxija, B'Kara, detentur tal-karta ta' l-identita' 350780M.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Etien Bartolo li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, nhar is-27 ta' Settembru, 2003, f'xi hin ghall-habta tas-siegha ta' nofsinhar, minn gewwa l-appartament numru 3C, illi jinsab gewwa Havana Apartments, Triq San Gorg San Giljan, ikkommetta serq

ta’ mobile telephone tal-marka ‘Nokia” li jiswa’ aktar minn Lm 50 izda anqas minn Lm 100, flus kontanti ghas-somma ta’ Lm 120 u xi affarijiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-‘valur’, ‘persuna’ u ‘bil-mezz’, ghad-dannu ta’ John borg u dan bi ksur ta’ Artikoli 261, 263, 267, 268 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ammissjoni ta’ l-istes Etien Bartolo f’liema ammissjoni hu ppersista wara li nghata d-debita zmien.

Rat li fl-ahhar verbal gie vverbalizzat li Etienne Bartolo jista’ ghandu xi problema ta’ dipendenza fuq id-droga. Tenut dan jaghmel hafna sens dak li gie konkluz fil-pre sentencing report tal-Probation Officer u taghmel taghha l-konkluzjonijiet tieghu b’dan illi qeghda ssibu hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu wara li rat l-artikoli 261, 263, 267, 278 tal-Kap 9. Rat l-art 7 tal-Kap 446 u ghaldaqstant qeghda tqeghdu taht ordni ta’ probation ghal zmien sentejn mil-llum u dan skond il-kundizzjonijiet infraskritti fl-ordni hawn anness.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni Nru. 805/03**

**Illum 29 ta' Ottubru, 2003.**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Robert Gregory)**

**vs**

**Etien Bartolo ta' 23 sena, iben Joseph u Monica nee Fenech, mwieled fit-12 ta' Lulju, 1980, B'Kara u residenti Block J, Flat 2, Triq il-Laqxija, B'Kara, detentur tal-karta ta' l-identita' 350780M.**

**Ordni ta' Probation**

Il-Qorti,

Tordna lill-hawn fuq imsemmi Etien Bartolo li ghall-perjodu ta’ sentejn jobdi dawk id-direttivi kollha li jinghataw lilu mill-Probation Officer matul id-durata ta’ din l-ordni.

Matul il-perjodu ta’ din l-ordni Etien Bartolo ghandu jzomm infuramat f’’kull hin lill-Probation Officer bi kwalunkwe bdil ta’ indirizz fir-residenza tieghu li prezentement hu Block J, Flat 2, Triq il-Laqxija, B’Kara u ghandu jzomm ruhu f’kuntatt ma’ l-Ufficjal tal-Probation skond id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation.

Etien Bartolo ghandu jibda programm kontra l-abbuz ta’ droga kif dirett mill-Probation Officer.

Il-Qorti tordna wkoll ai termini ta’ l-artikolu 8 tal-Kap 446 li l-probation officer jirraporta lilha bil-miktub dwar l-andament ta’ Etien Bartolo kull xahrejn fil-perjodu ta’ dan il-probation order.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------